MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 119/2012

Appell Nru: 119/2012
Il-Pulizija
Vs
Raymond Borg

Illum 24 ta’ Jannar, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Raymond Borg, [detentur tal-karta tal-identita` numru 660462 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :

Fil-5 ta’ Marzu, 2011 ghal habta ta’ 21.55 hrs bhala l-persuna responsabbli mill-istabbiliment bl-isem Beach Club li jinsab gewwa Triq il-Qaliet, Marsascala

Ippermetta lil Carmela Zammit tpejjep fl-imsemmi stabbiliment.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Frar, 2012 fejn wara li rat ir-regolamenti 9 u 15(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja

10.40 issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' hames mitt ewro (€500).

Rat ir-rikors tal-appellant Raymond Borg pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Marzu, 2012 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka is-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull htija u piena u okkorrendo ikun il-kaz, subordinament tipprovdi ghall-piena aktar mita u idonea.
Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Illi l-aggravji huwma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:
ILli hija l-fehema umli ta' l-appellant l-Ewwel Qorti ma setghatx ragonevolment issib htija fil-konfront tieghu u dan ghar-ragunijiet segwenti.
Illi l-appellant umilment jissottometti illi ghalkemm huwa konsapevoli mill-fatt li kif ifl-fatt xehdet Carmela Zammit, hija kienet qeghda tpejjep f'dan l-istabbiliment, huwa ghamel dak kollu li kien umanament possibli ghalih sabiex josserva r-regolament kollha u ma jippermetti lil hadd ipejjep fl-istabbiliment tieghu;
Illi f'dan ir-rigward l-appellant huwa ma jistax jigi ritenut responsabbli ta' dak li gara jemmen illi dak li gara fil-5 ta' Marzu, 2011 u dana stante l-fatt li hu avza lin-nies kollha inkluz lil Carmela Zammit, li t-tipjip ma kienx permess gewwa l-istabbiliment.
Illi apparti minn hekk, l-appellant umilment jissottometti illi huwa ghamel dak kollu li kien fis-setgha teighu sabiex in-nies ma jpejjpux fl-istabbiliment tieghu u dan inkluz bit-twahhil ta' sinjali mal-hitan li huma vizibbli minn kulhadd;
Minghajr preguzizzju ghas-susespost, fl-umli fehma tal-appellant, il-piena kienet wahda eccessiva u mhux idoneja.

Ikkunsidrat,
Irrizulta mill-provi illi fil-hamsa (5) ta' Marzu tal-elfejn u hdax (2011) ghal habta ta' 21.55 hours Carmen Zammit dahlet fl-istabbiliment maghruf bhala Beach Club li jinstab Il-Qaliet gewwa Marsascala u hemmhekk bdiet tqabbad sigarett. Dak il-hin dahal PC 1166 Luca Grasso u ra lil

Zammit tpejjep gewwa l-klabb u ghalhekk infurmaha illi kien se johrogilha akkuzi ghat-Tribunal. Kien hemm ukoll prezenti l-appellant Raymond Borg. U hawn ukoll PC 1166 infurmah illi se johrog akkuzi l-Qorti talli ppermetta lil Carmela Zammit tpejjep gewwa l-hanut.

Xehedu f'din il-kawza l-istess Carmen Zammit u l-appellant. Dik tal-ewwel qalet illi kif dahlet fil-club u qabbdet sigarett gew fuqha l-pulizija. Kienet tmur ta' spiss u taf lill-appellant u wkoll li ma kien ihalli lil hadd ipejjep. Ma kienx hemm ashtrays gewwa l-club; dawna kienu fil-parapett fuq barra.

L-appellant qal illi huwa licencee tal-Beach Club Marsascala u fil-hanut ghandu avvizi kullimkien biex in-nies ma jpejpux. Ma setax jara lil Carmen Zammit il ghaliex hu kien fil-kcina u lanqas ma nduna bil-prezenza taghha fl-istabbiliment. Quddiem il-Qorti qal illi lanqas jafha.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ssib illi l-verzjonijiet moghtija minn Carmen Zammit u Raymond Borg huma f'certu sens konfliggenti. Carmen Zammit tghid illi tmur f'dan il-klabb ta' spiss; taf lill-appellant u taf ukoll illi ma jhalli lil hadd ipejjep. Waqt li l-appellant jghid illi hu ma jafx lil Carmen Zammit u li lanqas ma nduna bil-prezenza taghha fil-klabb peress illi hu kien fil-kcina jipprepara l-appetizers.

Il-Qorti ssibha ferm stramba kif barman ma jkunx jaf klijenti regolari tieghu. Huwa minn ghewl id-dinja illi l-barman jaghmel sforz sabiex ikun jaf il-klijenti regolari tieghu, jirrikonoxxihom, halli dawn jiffrekwentaw aktar ta' spiss l-istabbiliment tieghu. Ukoll, il-Qorti ssib illi l-verzjoni moghtija mill-appellant tikkunstrasta ukoll ma' dik moghtija minn PC 1166 Luca Grasso fejn qal illi waqt li huwa nnota lil Carmela Zammit tpejjep gewwa l-klabb dik il-hin kien hemm prezenti ukoll l-appellant. Il-Qorti ssib ghalhekk illi l-verzjoni moghtija mill-appellant hija inveritiera u dik moghtija minn Carmen Zammit u PC 1166 huma aktar veritiera. Minnhom irrizulta illi fil-fatt l-appellant kien jaf bil-

prezenza ta' Carmen Zammit fl-istabbiliment tieghu, kien jaf ukoll illi qabbdet sigarett u ma ghamel xejn biex jintervjeni.

Ghalhekk il-Qorti ssib illi fuq il-provi illi kellha quddiemha l-ewwel Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi din il-konkluzjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------